# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Marzu 2025

NR 063/2025 Data tal-Ħruġ: 10 ta' April 2025 Data tal-Għeluq: 02 ta' April 2025

*F'Marzu 2025, il-kuntratti ta' bejgħ u l-konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 1,026 u 1,119, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'Marzu 2025, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 1,026, tnaqqis ta' 0.3 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati f'Marzu 2024 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq il-€295.3 miljun, żieda ta' 4.4 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'Marzu 2024 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




Fix-xahar ta' riferenza, 937 (jew 91.3 fil-mija) tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €238.6 miljun, li huwa ekwivalenti għal 80.8 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Marzu 2025, l-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'totali ta' 304 u 210 kuntratti, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'97 u b'115-il kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (74), Birkirkara (66) u Marsaskala (60) (Tabella nru 4, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu 19.5 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Marzu 2025.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Marzu 2025

Kuntratti ta' bejgħ




*Proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ*

Fix-xahar ta' riferenza, l-għadd ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ kien jilħaq l-1,110 (Tabella nru 5). L-Appartamenti (408) u l-Garaxxijiet (239) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, b'36.8 fil-mija u b'21.5 fil-mija, rispettivament.

**Konvenji**

F'Marzu 2025, kienu rreġistrati 1,119-il konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi fi tnaqqis ta' 4.6 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 6a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 1,014 (jew 90.6 fil-mija), filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 6b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 328 konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'218-il konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'107 u b'123 konvenju, rispettivament (Tabella nru 7).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (98), Il-Mosta (58) u Birkirkara (55) (Tabella nru 8, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 18.9 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Marzu 2025.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Marzu 2025

Konvenji




**Il-Proprjetà**

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà Residenzjali (RPPI): K4/2024

It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Frar 2025

Il-Permessi għall-Bini Residenzjali: K4/2024

It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Jannar 2025

It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Diċembru 2024

**Temi Oħra Relatati**

L-Istatistika tal-Prezzijiet

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula.